

**V****Atti adottati skond Titolu V tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea****AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/998/PESK****tal-21 ta' Diċembru 2006****li temenda l-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK  
dwar l-istabbiliment ta' Ċentru Satellitari ta' l-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14, tiegħu,

## Billi:

- (1) Fl-20 ta' Lulju 2001, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK dwar l-istabbiliment ta' Ċentru Satellitari ta' l-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>.
- (2) Fit-28 ta' Lulju 2006, is-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli, konformement ma' l-Artikolu 22 ta' dik l-Azzjoni Konġunta, ippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta bil-ħsieb ta' reviżjoni possibbli tagħha.
- (3) Fit-22 ta' Settembru 2006 l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), fir-rwol tiegħu li jeżerċita superviżjoni politika fuq l-attivitajiet ta' Ċentru, ħa nota ta' dak ir-rapport u rakkomanda li l-Kunsill jemenda l-Azzjoni Konġunta kif xieraq fid-dawl tar-rapport.
- (4) L-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

## ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

---

<sup>1</sup> ĠU L 200, 25.7.2001, p. 5

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Missjoni

1. Iċ-Ċentru għandu, b'koerenza ma' l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà<sup>1</sup>, jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, fil-qasam tal-PESK, b'mod partikolari tal-PESD, inklużi l-operazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ta' maniġġar ta' kriżijiet, billi jipprovdi, kif xieraq, prodotti li jirriżultaw mill-analiżi ta' xbihat satelletari u *data* kollaterali, inkluż xbihat mill-ajru u servizzi relatati, skond l-Artikoli 3 u 4."
2. Fil-qafas ta' din il-missjoni, is-Segretarju-Ġenerali/ir-Rappreżentant Għoli, sejjer, ma talba korrispondenti u jekk il-kapaċità ta' Ċentru hekk tippermetti, jiddirieġi ċ-Ċentru sabiex jipprovdi prodotti jew servizzi għal:
  - (i) Stat Membru jew il-Kummissjoni;
  - (ii) Stati Terzi li qablu mad-Dispożizzjonijiet imniżżla fl-anness dwar l-assoċjazzjoni ma' l-attivitajiet ta' Ċentru;

---

<sup>1</sup> Ewropa Sigura f'Dinja Aħjar - l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, approvata mill-Kunsill Ewropew, Brussel, it-12 ta' Diċembru 2003.

(iii) jekk it-talba tkun rilevanti fil-qam tal-PESK, b'mod partikolari tal-PESD, organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti (NU), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u l-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku (NATO).";

2) L-Artikolu 8 (2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Id-Direttur għandu jaħtar Viċi Direttur taċ-Ċentru wara approvazzjoni mill-Bord. Il-Viċi Direttur għandu jinħatar għal perjodu ta' tliet snin, bl-estensjoni possibbli ta' terminu wieħed ta' tliet snin. Id-Direttur għandu jkun responsabbli mir-reklutaġġ tal-persunal l-ieħor kollu taċ-Ċentru.";

3) L-Artikolu 11 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

" Artikolu 11

Programm ta' ħidma

1. Sat-30 ta' Settembru kull sena, id-Direttur għandu jstabbilixxi abbozz ta' programm ta' ħidma għas-sena ta' wara akkumpanjat minn abbozz ta' programm ta' ħidma għall-perjodu fit-tul li jkun fih perspettivi indikattivi għal sentejn addizzjonali, u għandu jippreżentah lill-Bord.
2. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Bord għandu japprova l-programm ta' ħidma annwali u dak għall-perjodu fit-tul.";

4) L-Artikolu 12 (3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-dħul taċ-Ċentru għandu jikkonsisti minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri minbarra d-Danimarka skond l-iskala tad-dħul gross domestiku (GNI), il-pagamenti jitwettqu bħala ħlas għal servizzi mogħtija u dħul ieħor.";

5) L-Artikolu 12 (4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. It-talbiet għat-twettiq ta' kompiti mwettqa skond l-Artikolu 2(2) jistgħu jkunu soġġetti għal ħlasijiet ta' rkupru ta' spejjeż skond il-linji gwida stabbiliti fir-Regoli Finanzjarji taċ-Ċentru msemmija fl-Artikolu 15.";

6) L-Artikolu 13 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

" Artikolu 13

Il-proċedura baġitarja

1. Sat-30 ta' Settembru kull sena, id-Direttur għandu jippreżenta lill-Bord abbozz ta' baġit annwali għaċ-Ċentru li jkopri nfiq amministrattiv, nfiq operattiv u dħul mistenni għas-sena finanzjarja li jkun imiss kif ukoll estimi indikattivi għall-perjodu fit-tul dwar nfiq u dħul bil-ħsieb ta' l-abbozz tal-programm ta' ħidma għall-perjodu fit-tul.
2. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Bord għandu japprova l-baġit annwali taċ-Ċentru b'unanimità tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

3. Fil-każ ta' ċirkostanzi inevitabbli, eċċezzjonali jew imprevisi, id-Direttur jista' jipproponi lill-Bord abbozz ta' baġit emendatorju. Il-Bord, bil-konsiderazzjoni dovuta ta' kwalunkwe emerġenza, għandu japprova l-baġit emendatorju b'unanimità tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri.";

7) L-Artikolu 17 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

" Artikolu 17

Sekondar

1. Bi ftehim mad-Direttur, jistgħu jiġu ssekondati għaċ-Ċentru, esperti minn Stati Membri u organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll uffiċjali mill-istituzzjonijiet jew l-aġenziji ta' l-Unjoni Ewropea, għal perjodu fiss jew għal postijiet fl-istruttura organizzattiva taċ-Ċentru u/jew għal kompiti u proġetti speċifiċi.
2. Fil-każ ta' kriżi, iċ-Ċentru jista' jiġi riinfurzat minn persunal speċjalizzat, issekondat mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni jew mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Il-ħtieġa għal, u t-tul ta', tali sekondar għandhom jiġu ddeterminati mis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Ġholi f'konsultazzjoni mad-Direttur taċ-Ċentru.
3. Id-dispożizzjonijiet relatati mas-sekondar għandhom jiġu adottati mill-Bord fuq proposta mid-Direttur.

4. Il-membri tal-persunal jistgħu jiġu ssekondati għal perjodu fiss fl-interess tas-servizz għal post barra ċ-Ċentru, skond id-dispożizzjonijiet relatati mal-persunal taċ-Ċentru.";

8) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 20 a

Assoċjazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata bis-sħiħ mal-ħidma taċ-Ċentru. Iċ-Ċentru għandu jistabbilixxi mal-Kummissjoni l-arranġamenti amministrattivi u r-relazzjonijiet ta' ħidma meħtieġa, bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn bl-iskambju ta' kompetenzi u pariri f'dawk l-oqsma fejn l-attivitajiet tal-Komunità għandhom influwenza fuq il-missjoni taċ-Ċentru u fejn l-attivitajiet taċ-Ċentru huma rilevanti għal dawk tal-Komunità.";

9) L-Artikolu 22 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 22

Ir-rappurtar

Sal-31 ta' Lulju 2011, is-Segretarjat-Ġenerali/Rappreżentant Għoli għandu jippreżenta rapport lill-Kunsill dwar it-tħaddim taċ-Ċentru akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn rakkomandazzjonijiet xierqa bil-ħsieb ta' aktar żvilupp tiegħu.";

- 10) L-Artikolu 1(3), it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 9(1), l-Artikoli 12(5) u 23(1), (2), (4), (5) u (6) għandhom jiġu mħassra. Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*J. KORKEAOJA*

---